Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

# Rapport Amministrattiv 2022

*imħejji minn Antonia Demicoli,* ***Segretarju Eżekuttiv***

# 1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn 1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop matul dawn it-tnax-il xahar. Dan ir-rapport joffri wkoll informazzjoni dwar il-proġetti u l-pjanijiet tal-Kunsill ta' Ħal Kirkop għas-sena 2023.

Fil-bidu tas-sena 2022, l-isfidi tal-pandemija tal-Covid-19, għalkemm naqqsu, kienu għadhom hemm. Dan ma jfissirx li l-Kunsill kien wieqaf. Anzi, kien qed jaħdem qatigħ fuq preparamenti u pjanijiet biex malli l-pajjiż joħroġ minn din il-pandemija jkun jista' jkompli bl-attivitajiet li kienu ilhom wieqfa għal sentejn sħaħ, u li kienu tant mistennija u mixtieqa mir-residenti kollha.

Nemmen illi bis-sitwazzjoni li għaddejna minnha u bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop għandu, il-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibbli biex jara li Ħal Kirkop jingħata l-ġieħ li jixraqlu u l-ambjent tiegħu jinżamm fl-aħjar stat ta' ndafa possibbli.

Matul din is-sena tkomplew diversi diskussjonijiet li l-frott tagħhom beda u ser ikompli jidher matul is-snin li ġejjin. Bla dubju ta' xejn, l-akbar sfida li għandu l-Kunsill hija li jiżgura li jkompli joffri s-servizzi eżistenti filwaqt li jipprovdi servizzi oħra ġodda, bl-aħjar mod possibbli.

# 2. Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop jirrappreżenta 2,500 resident u huwa magħmul minn ħames Kunsilliera eletti. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha tal-Att XV dwar Kunsilli Lokali Kap. 363, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' żewġ impjegati - Uffiċjal Eżekuttiv u Skrivan.

Apparti l-ħaddiema tal-Uffiċċju, bejn Jannar u Ottubru l-Kunsill kien jimpjega wkoll Ġardinar Part-time biex jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-ġonna u s-*soft areas* kollha madwar Ħal Kirkop. Dan irriżenja mill-impjieg tiegħu f'Ottubru 2022. Il-Kunsill għad għandu wkoll l-għajnuna minn żewġ impjegati tal-RSSL li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità.

Is-sena 2022, timmarka t-tmiem tat-tielet u l-bidu tar-raba' sena tad-disa' leġislatura, wara li fil-25 ta' Mejju, 2019, saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Id-disa' leġislatura bdiet il-ħidma tagħha fl-1 ta' Lulju, 2019 u hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2024.

## 2.1 Il-Membri tal-Kunsill

Fis-sena 2022, il-Kunsill ta' Ħal Kirkop kien kompost kif jidher fit-tabella hawn taħt.



## 2.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera

Mal-bidu tal-leġislatura, wara l-ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku, is-Sindku jiddiskuti mal-Kunsilliera kollha u jiġi deċiż it-tqassim tar-responsabilitajiet lil kull Kunsillier, skont kif elenkati fl-Erbatax-il Skeda. Apparti dawn, il-Kunsilliera għandhom ukoll responsabilitajiet oħra li għandhom x'jaqsmu b'mod dirett mal-Kunsill ta' Ħal Kirkop. Ir-responsabilitajiet ta' kull Kunsillier jidhru fit-tabella hawn taħt.



## 2.3 Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill tad-Disa' Leġislatura, iltaqa' erbatax-il darba fejn l-attendenza kienet tajba u regolari.

L-attendenza tal-Kunsilliera bejn Jannar u Diċembru 2022 tidher fit-tabella hawn taħt.



## 2.4 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena 2022 saru 14-il seduta tal-Kunsill, li jinkludu tlett laqgħat li saru b'urġenza. Waqt dawn il-laqgħat ġew imressqa 72 mozzjoni. Saret korrispondenza vasta ma' diversi entitajiet u anke diversi laqgħat oħra ta' diskussjoni ma' Ministeri u Dipartimenti b'risq il-lokalità.

Ġew iproċessati wkoll 490 permess dwar xogħlijiet varji fil-lokalità. Dawn il-permessi kienu jinkludu krejnijiet, *hi-ups*, *lifters*, *scaffolding*, tqegħid ta' *skips*, *boundary walls* u attivitajiet.



# 3. Ilmenti u Suġġerimenti

L-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb l-ilmenti kollha li jidħlu fl-uffiċċju tal-Kunsill, liema lmenti jiġu rrapurtati lill-awtoritajiet u kuntratturi kkonċernati. Matul is-sena 2022 il-Kunsill irċieva madwar 145 ilment.

It-tabella hawn taħt tagħti stampa ċara tal-ilmenti kif imqassma skont kull kategorija għas-sena 2022.



Dawn l-ilmenti u s-suġġerimenti jinkludu ġbir ta' skart, knis, tabelli u sinjali tat-traffiku, manutenzjoni tat-toroq, trasport pubbliku, manutenzjoni ta' bozoz, manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u *soft areas*, każijiet relatati mal-pulizija, parkeġġ ta' vetturi, manutenzjoni ġenerali u oħrajn. Ħafna mill-ilmenti riċevuti ma jkunux direttament jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant jiġu mgħoddija lill-entitajiet relevanti biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa.

Sfortunatament, il-Kunsill mhux dejjem jingħata widen għal dak li jkun irraporta u f'ċerti każi jkun hemm dewmien bla bżonn biex l-ilmenti jiġu solvuti, bil-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu tfakkiriet kontinwi lill-entitajiet rispettivi.

B'dan l-impenn minn naħa tal-ħaddiema tal-Kunsill, il-maġġoranza tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li persentaġġ żgħir baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2022, minħabba raġunijiet diversi. Il-Kunsill ikompli jaħdem bi sħiħ biex l-ilmenti tar-residenti jiġu indirizzati malli dawn jaslu fil-Kunsill u jirsisti mal-entitajiet biex dawn jiġu solvuti mill-aktar fis possibbli b'risq iċ-ċittadini tal-lokalità.

## 3.1 Komunikazzjoni u Kuntatt mar-Residenti

F'Jannar 2023 saret il-laqgħa annwali tal-lokalità għas-sena 2022, li għaliha jistgħu jattendu dawk kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali. Infatti, din tal-lum hija t-tieni laqgħa annwali li qed issir b'rabta mas-sena 2022. Din qed issir wara li l-emenda fil-liġi tal-Kunsilli Lokali talbet li jsiru żewġ laqgħat annwali, waħda f'Diċembru u oħra f'April.

Il-Kunsill jorganizza wkoll laqgħat mar-residenti fejn tkun tinħass il-ħtieġa li jiġu diskussi materji li jolqtu lil xi akwata. Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel laqgħat bħal dawn meta jkun ser jimplimenta jew jagħmel pjanijiet fuq ristrutturar ta' partijiet mir-raħal.

Kull meta l-Kunsill iħoss il-bżonn li jaqsam informazzjoni mar-residenti, dan isir billi jitqassmu ittri fid-djar u apparti hekk jagħti l-informazzjoni fin-*notice boards* li għandu mdawrin mar-raħal.

Il-Kunsill għandu wkoll paġna uffiċjali fuq il-mezz elettroniku tant popolari, Facebook, bl-isem Ħal Kirkop Local Council, fejn wieħed jista' jara *updates* regolari dwar attivitajiet, servizzi, korsijiet, ritratti u informazzjoni oħra ta' interess kemm lokali u kif ukoll ġenerali.

Is-servizzi normali jingħataw mill-Uffiċċju tal-Kunsill, 31, Triq San Benedittu, mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul il-ġurnata u nhar ta' Sibt filgħodu. Matul il-ġimgħa il-Kunsill qed ikun magħluq mis-1.00pm sas-1.30pm għall-ħin tal-*break* tal-ħaddiema.

## 3.2 Xogħol imwettaq mill-Kunsill

Il-Kunsill kontinwament jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq sinjali u tabelli tat-traffiku. Apparti l-manutenzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku, il-Kunsill jaħdem ħafna fuq *areas* li jkollhom bżonn jiġu rranġati biex isiru aktar sikuri, kemm għall-pedonali u kif ukoll għas-sewwieqa.

Il-ġardinar tal-Kunsill, u wara r-riżenja tiegħu kuntrattur tal-ġonna, qed jieħu ħsieb li l-manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* tinżamm fi stat tajjeb. Fi Ġnien Rousset, f'Misraħ iż-Żerniq, fir-*roundabout* ta' Triq San Benedittu u fis-*soft areas* fi Triq Valletta k/m Triq San Pietru tħawlu fjuri, pjanti u siġar ġodda. Dawn jagħtu kulur u ħajja lill-ambjent ta' madwarna u jgħinu biex ikollna arja nadifa.





Il-Kunsill Lokali imbarka fuq proġett wara talba mill-Iskola Sekondarja Kulleġġ San Benedittu biex jitwaħħlu *bicycle racks* ġewwa l-iskola għall-użu tal-istudenti.

Apparti fl-Iskola Sekondarja, il-Kunsill ħa ħsieb iwaħħal *bicycle racks* oħrajn fl-Iskola Primarja, ħdejn il-Bandli tal-Komunità fi Triq il-Barrieri, ħdejn il-ġnien f'Misraħ iż-Żerniq, ħdejn l-*open gym* u l-grawnd tal-futbol fi Triq Ġnien Rousset u fil-Kumpless Sportiv fi Triq il-Fdal Paleokristjan. Dan biex inkomplu nippromwovu l-użu tar-roti bħala trasport alternattiv, biex jitnaqqsu l-emmissjonijiet mill-arja, ikollna inqas dħaħen u inqas storbju fil-lokalità. B'hekk intejbu u nieħdu ħsieb aktar l-ambjent li ngħixu fih.










Ix-xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità kollha jsir b'mod regolari mill-ħaddiema tal-RSSL assenjati mal-Kunsill. Dan ix-xogħol jinkludi traqqiegħ tat-toroq, irranġar ta' bankini u kurduni, bdil ta' kaptelli, manutenzjoni fuq *bollards* u *railings*, tikħil u żebgħa ta' diversi ċnut u *planters*, żebgħa u manutenzjoni fuq bankijiet u *bins* u tindif ta' *culverts* tal-ilma tax-xita.





Dawn il-ħaddiema jagħmlu wkoll manutenzjoni ġenerali fuq il-binjiet tal-Kunsill. Matul is-sena 2022, apparti l-manutenzjoni ġenerali, saret tiswija intensiva fuq it-tromba tal-bejt tal-Kunsill minħabba li kien hemm konsenturi u għaldaqstant beda jidħol ħafna ilma. Il-Kunsill kellu jqabbad bennej biex jagħmel ix-xogħol urġenti biex ma tkomplix ssir ħsara fil-binja.

Permezz tal-kuntrattur tad-dawl u f'każijiet minnhom permezz ta' l-Enemalta, matul is-sena jinbidlu u ssir il-manutenzjoni ta' ammont konsiderevoli ta' bozoz madwar il-lokalita' kollha. Twaħħlu wkoll bozoz ġodda fejn kienet tinħass il-ħtieġa, dejjem bil-ħsieb li Ħal Kirkop ikun aktar sikur għar-residenti tiegħu.

## 3.3 Xogħol biex inżommu l-lokalità nadifa

Matul is-sena 2022 il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop kompla għaddej bil-ġbir ta' skart organiku. Il-ġbir ta' skart organiku qed isir kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa u jidher li ħafna mir-residenti qed jagħżlu l-iskart organiku tajjeb ħafna. Sfortunatament matul is-sena 2022, il-WasteServ ma baqgħax jipprovdi l-boroż il-bojod għal ġbir ta' skart organiku, r-residenti ħassew ħafna dan in-nuqqas u l-Kunsill irċieva diversi lmenti dwar dan il-fattur. Xorta waħda jidher li l-maġġoranza tar-residenti qed jimxu tajjeb mal-iskeda ta' ġbir ta' skart.

Barra l-iskart organiku l-Kunsill jiġbor ukoll l-iskart domestiku, dak tal-borża s-sewda. Il-ġbir tal-borża s-sewda matul is-sena 2022 kien qiegħed isir tlett darbiet fil-ġimgħa, nhar ta' Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt. Bil-bidla fl-iskeda l-ġdida minn Jannar 2023, il-ġbir ta' skart għadda f'idejn ir-Reġjun Punent u l-ġabra tal-borża s-sewda tnaqqset għal darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Sibt.

Minn naħa l-oħra, matul is-sena 2022 l-iskart riċiklat, magħruf aktar bħala 'tal-borża l-ħadra' kien jinġabar darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u Ġimgħa. Il-boroż il-ħodor ukoll ma baqgħux jiġu pprovduti minn GreenPak. Dan ukoll ħoloq ħafna tgergir fost il-pubbliku inġenerali. L-iskeda l-ġdida ġabet bidla wkoll fuq il-ġbir ta' skart riċiklat u dan minn Jannar 2023 beda jinġabar darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' Ħamis.

Ma ninsewx ukoll li kull nhar ta' Ħamis, il-Kunsill joffri s-servizz ta' ġbir ta' skart goff *(bulky refuse)* u skart tal-ġnien, minn wara l-bieb. Matul is-sena 2022 il-Kunsill kellu 1006 talba mir-residenti biex jinġabar skart goff *(bulky refuse)* minn wara l-bibien residenzjali. Kull min ikollu bżonn jagħmel użu minn dan is-servizz għandu jċempel fl-uffiċċju tal-Kunsill biex jingħata appuntament.

Apparti hekk il-Kunsill kien jiġbor ukoll tappijiet tal-flixken tal-plastik. It-tappijiet tal-plastik kienu jinġabru minn GreenPak fil-kampanja 'Nirriċikla għall-Istrina' fejn tingħata donazzjoni għall-Istrina. Sfortunatament, il-Kunsill ġie infurmat li dawn mhux ser jibqgħu jinġabru aktar matul is-sena 2023.

Il-Kunsill jiġbor ukoll bozoz u batteriji biex jintremew kif suppost peress li dan huwa skart perikoluż. Il-Wasteserv joffru wkoll servizz tal-Kerb Side Truck, fi Triq San Benedittu, biex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jarmu skart li ma jinġabarx regolarment b'mod mill-aktar faċli. Dan is-servizz ser jibqà jingħata kull raba' tlieta tax-xahar.

Għalkemm il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu biex il-lokalità ta' Ħal Kirkop tkun fost l-aktar lokalitajiet nodfa fil-pajjiż, xorta waħda għad hemm nies irresponsabbli li jħammġu bla skruplu. Dawn jinkludu –

- ħruġ ta' skart meta mhux suppost;
- ħruġ ta' skart wara li jgħaddi l-kollettur; u
- wħud li joħorġu bil-klieb tagħhom u ma jiġbrux il-ħmieġ li jħalli.

Il-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex dawk 'il ftit li għadhom iħammġu, jinqabdu, biex ikun żgurat li r-raħal tagħna jibqa' wieħed mill-aktar irħula nodfa f'Malta.

Wara ħafna diskussjonijiet biex il-*bring-in sites* jiġu rilokati, il-Kunsill ħa ħsieb naddaf *area* li kienet tinsab mitluqa fi Triq ir-Ramlija. Dan biex setgħat issir pjattaforma fejn tpoġġew il-*bring-in sites* li jinkludu kontenituri fejn wieħed jista' jiddisponi minn kontenituri tal-ħġieġ, landa, kartun u plastik. Apparti hekk wieħed isib ukoll kontenitur fejn jinġabru ħwejjeġ użati u kif ukoll kontenitur fejn wieħed ipoġġi ż-żejt tal-ikel użat. Biex il-Kunsill jiżgura li din l-akwata tinżamm fi stat ta' ndafa tajjeb u ma ssirx miżbla, ġew installati wkoll CCTVs li huma moniterati 24 siegħa kuljum. Kull min jinqabad jarmi ħażin jiġi mħarrek.

Apparti hekk, kull sena il-Kunsill iwaħħal *dog litter bins* u *litter bins* ġodda. Matul is-sena twaħħlu bins ġodda fi Ġnien Rousset, Triq San Pietru, Triq il-Lewżiet u Triq Tal-Fieres. Dan sabiex ikompli jgħin biex il-lokalità tinżamm fl-aħjar stat ta' ndafa possibbli.

Biex inkomplu nsebbħu l-ambjent ta' madwarna saru qsari ġodda għall-pjanti f'Misraħ San Leonardu u fi Triq San Benedittu. Fi Triq San Benedittu dan it-tisbieħ inkluda wkoll twaħħil ta' bankijiet dekorattivi biex l-anzjani jkunu jistgħu joqgħodu ftit għall-frisk u l-ġenituri jkollhom ukoll fejn joqgħodu bilqegħda waqt li jistennew lill-uliedhom joħorġu mill-iskola.

Komplejna naħdmu biex inżommu l-Bandli tal-Kommunità fi stat ta' manutenzjoni tajjeb. Ġie rranġat il-ħajt li jdawwar il-bandli u l-*planters* tad-dawra. Sfortunatament l-atti vandali li jsiru ta' spiss iwaqqgħu l-livell ta' dawn il-postijiet. Bħalissa l-Kunsill għaddej b'diskussjonijiet biex isir bdil ta' parti mill-apparat li hemm fil-bandli għal apparat aktar modern.

Sar ukoll xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni fi Triq San Pietru fejn ġew irranġati l-ħitan li jdawru l-*planters* mad-dawra taċ-Ċentru Leap!. Ix-xogħol kollu sar mill-ħaddiema tal-id tal-Kunsill. Tajjeb li wieħed jifhem li r-riżorsi tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop huma limitati immens u l-Kunsill jagħmel l-almu tiegħu biex bil-ftit jagħmel ħafna.





# 3.4 Xogħol ieħor imwettaq mill-Kunsill

Il-Kunsill jgħin lill-Iskola Primarja fil-ħlas tas-sħubija fin-Nature Trust Malta, l-entità li tieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' premju b'risq l-ambjent. Dan il-premju huwa magħruf bħala l-Green Flag u l-Kunsill iħossu ferm onorat li l-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop rebħu dan l-unur prestiġġjuż konsekuttivament minħabba li eċċellaw fit-tagħlim u azzjonijiet favur l-ambjent.

Apparti l-Iskola Primarja, matul is-sena 2022 il-Kunsill ħallas ukoll is-sħubija fin-Nature Trust Malta lill-Iskola Sekondarja. Mal-Iskola Sekondarja l-Kunsill ħadem ukoll fuq l-installazzjoni tal-*bike racks* kif issemma aktar kmieni.

Wara din il-kollaborazzjoni l-Kunsill Lokali ġie nominat u rebaħ l-unur *'Sustainable Mobility Champion Community Stakeholder'* mogħti minn EkoSkola flimkien ma' Nature Trust. Fiċ-ċerimonja tal-għoti ta' dan l-*award*, ingħataw ukoll *awards* lil diversi skejjel fosthom l-Iskola Primarja u l-Iskola Sekondarja ta' Ħal Kirkop flimkien ma' għalliema miż-żewġ skejjel. Dawn ħadmu fuq proġetti mmirati lejn mobbilità sostenibbli.

Il-Kunsill ħadem ukoll mill-qrib mal-Iskola Medja fejn ġie diskuss studju li sar mill-istudenti bit-tema 'Proġett Impatt 2022'. Dan l-istudju jikkonsisti f'riċerka ta' kif Ħal Kirkop inbidel tul dawn l-aħħar 100 sena u permess ta' din ir-riċerka, ġie mħejji pjan li jista' jiġi implimentat sabiex Ħal Kirkop ikun aktar sostenibbli. Dan il-pjan ġie ppreżentat lill-Kunsill Lokali fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Kirkop u l-Kunsill qed jaħdem fuq ideat komuni u jara li dawn jiġu attwati b'risq ir-residenti u l-lokalità ta' Ħal Kirkop.

Il-Kunsill dejjem emmen li l-qari huwa importanti ħafna u għaldaqstant kontinwament jinvesti f'kotba fil-librerija tal-iskola billi jixtri kotba ġodda għall-użu ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-qari. Apparti hekk matul is-sena 2022 il-Kunsill ħa ħsieb jikseb fondi biex sar titjib fil-librerija. Dan billi ordna tabelli ġodda biex il-kotba jkunu mqassma skont is-suġġett. Il-librara għenet biex il-kotba ġew irranġati u t-tabelli kollha mibdula.

Biex it-tfal jibdew iħobbu l-qari minn ċkunithom, il-Kunsill organizza wkoll is-sessjonijiet *Read with Me*/Aqra Miegħi fis-Sala tal-Kunsill. Dan il-programm kien immirat għat-tfal taħt it-3 snin u l-ġenituri/kuraturi tagħhom. Is-sessjonijiet li kienu jsiru darba fil-ġimgħa, bla ħlas u matulhom jinqraw stejjer u jitkantaw taqbiliet mat-tfal f'ambjent ferrieħi. Bis-saħħa ta' dan il-programm it-tfal isibuha eħfef biex jitgħallmu l-ħiliet tal-qari u tal-kitba. Sfortunatament dan il-programm kien waqaf minħabba li d-Dipartiment ma kellux nies li setgħu jieħdu ħsieb dawn is-sessjonijiet. Il-Kunsill talab biex malli jkun hemm nies li setgħu ikomplu jagħmlu dan il-programm, Ħal Kirkop ikun minn tal-ewwel li jerġa' jkollu dawn is-sessjonijiet.

Il-Kunsill organizza wkoll *Yoga Classes* u *Fitness Classes* fejn ir-residenti attendew bi ħġarhom għal dawn il-klassijiet li ġew offruti bla ħlas. Dan biex nimmotivaw lir-residenti Koppin jgħixu stil ta' ħajja sana.

Bil-kollaborazzjoni tal-LEAP!, il-Kunsill organizza laqgħa dwar l-awtiżmu bit-tema 'Speaking Out Loud'. Kienet laqgħa interessanti ħafna fejn dawk li attendew setgħu jaqsmu esperjenzi diversi dwar din il-kundizzjoni.

Matul is-sena 2022, il-Kunsill preżenta affarijiet tal-ikel lis-Sur Alfie Herrera li kien qed jirrapreżenta lil Ħal Kirkop fil-Miss and Mister Supranational Malta. Dan l-ikel għadda għand il-Foodbank Lifeline Foundation u kien ta' għajnuna għal diversi individwi u familji li jiġu mgħejjuna minn din il-fondazzjoni. Il-Kunsill ifaħħar u jkun minn ta' quddiem biex jgħin f'inizjattivi ta' din ix-xorta.

Kif wieħed jista' jaħseb, hemm ħafna aktar xogħol li daħal fir-rutina tal-Kunsill u diffiċli li jissemma kollox f'dan ir-rapport qsajjar.

# 3.5 Xogħol ieħor

Minħabba l-problemi kbar li ħolqu l-*hornets* madwar il-pajjiż kollu, il-Kunsill ħa ħsieb biex fil-postijiet pubbliċi fejn kien hemm rappurtati problemi ta' *hornets*, ġew installati *hornet traps* u dawn qed jiġu mantenuti biex kemm jista' jkun titnaqqas din il-problema. Sfortunatament kellna postijiet fejn dawn ġew misruqa u għaldaqstant il-Kunsill kellu jerġa' jagħmel ordni biex ipoġġi fejn kien hemm nieqsa.

Inħasset il-ħtieġa wkoll li jitwaħħlu *rodent control traps* minħabba l-problemi tal-ġrieden fil-lokalità. Dawn twaħħlu fil-ġonna pubbliċi u ssirilhom manutenzjoni kull xahar biex ikun hemm kontroll. Apparti hekk persuni mid-Dipartiment tas-Sanità jiġu fil-lokalità kull tant żmien u jpoġġu l-valenu tal-ġrieden fil-ħitan tas-sejjieħ biex tkompli titnaqqas din il-problema.

Matul is-sena 2022, il-Kunsill kien għadu għaddej bl-iskema maħruġa mill-*Animal Health and Welfare Department* fejn ingħatat l-għajnuna lill-*cat feeders* f'Ħal Kirkop. Dan billi inxtara ikel għall-qtates li hawn fit-toroq u kif ukoll ingħata servizz ta' veterinarju, *neutering* u ħlas tal-mediċina tal-istess qtates. Dan jawgura tajjeb biex il-qtates li hawn fil-lokalitá jinżammu fi stat ta' saħħa tajba, titnaqqas ir-riproduzzjoni u hekk il-*feeders* ikollhom aktar kontroll fuq il-qtates li jitimgħu u jieħdu ħsieb.

Biex tinżamm l-estetika ta' din il-lokalità ċkejkna, il-Kunsill imbarka fuq proġett biex jibdel il-lanterni tal-qalba tar-raħal. Dan billi jneħħi il-bozoz komuni u jagħmel oħrajn lanterni stil antik. F'April 2022 inbidlu l-lanterni ta' Triq San Rokku u issa din it-triq qed tgawdi minn lampi b'dehra isbaħ li jikkumplimentaw mal-ambjent ta' din it-triq u fl-istess ħin aktar effiċjenti fl-enerġija.

Il-permess biex isir ir-Restawr tal-Arkata ta' San Ġakbu ħareġ matul is-sena 2021 u għaldaqstant ir-restawr twettaq matul is-sena 2022. Wara ħafna diffikultajiet fil-proċess biex isir dan ir-restawr, dan ix-xogħol sar mid-Direttorat tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Dan ir-restawr sar biex dan il-wirt jiġi mħares u jinżamm fi stat tajjeb biex ikun jista' jitgawda mill-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.






Biex inkomplu fuq it-tħaris tal-wirt storiku f'raħalna, il-Kunsill daħħal applikazzjoni ġdida mad-Direttorat tar-Restawr. Saret applikazzjoni biex jiġi restawrat is-Salib tad-Dejma li jinsab f'Misraħ Ħal Kirkop. Dan is-salib imur lura għas-sena 1641, liema sena tinsab minquxa fuqu. Kif jixhed l-isem tiegħu 'Is-Salib tad-Dejma' kien tradizzjonalment meqjus bħala punt fejn kienu jinġabru il-forzi lokali. Aktarx li slaleb bħal dawn kienu ġew mibnija biex jimmarkaw art li qabel kienet ikkonsagrata. Issa inħareġ il-permess għal dan ir-restawr u għaldaqstant dan ix-xogħol ser isir matul is-sena 2023.



Flimkien ma' Kunsilli oħrajn madwar Malta, il-Kunsill iffirma ftehim maċ-Ċentru tal-Anzjanità Attiva biex il-Kunsill ikompli jimpenja ruħu favur l-anzjani residenti f'Ħal Kirkop. B'dan il-ftehim il-Kunsill jislef is-sala biex tintuża bħala Ċentru għall-Anzjani fejn l-anzjani residenti fil-lokalità tagħna ikollhom post fejn jiltaqgħu flimkien. Huma jkollhom diversi laqgħat ta' interess għalihom, jipprattikaw xi ftit eżerċizzju fiżiku u żfin, jieħdu kikkra te flimkien, ikollhom ukoll ħarġiet interessanti u ma jonqosx li jilgħabu xi ftit tombla.

Il-Kunsill jorganizza wkoll trasport biex dawk l-anzjani li ma jkunux jifilħu jimxu, jkunu jistgħu jużaw dan it-trasport, li jitħallas mill-Kunsill u miċ-Ċentru, nofs bin-nofs.

Il-Kunsill jgħin ukoll lill-għaqdiet fil-lokalità. Matul is-sena 2022, il-Kunsill għamel fond monetarju li kien hemm biex jintuża mill-għaqdiet għall-bżonnijiet li jkollhom fit-twettiq ta' attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena.

Apparti dan il-fond monetarju, il-Kunsill jislef is-sala bla ħlas lill-għaqdiet. Matul is-sena 2022, is-sala intużat mill-Għaqda Mużikali San Leonardu għall-bżonnijiet marbuta mat-tagħlim tal-mużika u bżonnijiet oħra. Is-sala ntużat ukoll mill-Għaqda Kulturali Kirkop fejn saru l-provi għad-dramm 'Inkwiet u Qaddisin'. Il-Kunsill iħossu kburi li għalkemm Ħal Kirkop huwa raħal żgħir, għandu ħafna għaqdiet volontarji li jaħdmu qagħtih biex iżommu l-wirt kulturali ħaj.

# 4. Attivitajiet matul is-Sena

Il-Kunsill jipparteċipa f'attivitajiet diversi li jsiru matul is-sena biex jiġu mfakkra u tinħoloq kuxjenza dwar diversi kundizzjonijiet mediċi li nsibu fid-dinja madwarna. Tinħoloq kuxjenza wkoll dwar mard li jista' jiġi ikkontrollat fil-fażi bikrija tiegħu jekk wieħed ikun infurmat sewwa u jiċċekkja lilu nnifsu.

Fl-2022 il-Kunsill ħa sehem fil-Jum Internazzjonali dwar Myalgic Encephalomyelitis, Chronic Fatigue Syndrome u Fibromyalgia; f'Jum id-Donaturi tad-Demm, fil-Pink October u Movember. Għall-Pink October, tul ix-xahar ta' Ottubru, il-ħaddiema tal-Kunsill libsu flokk li jfakkar din il-kampanja biex jgħin biex jinħoloq aktar għarfien dwar l-importanza li wieħed jiċċekkja lilu nnifsu u jagħmel it-testijiet meħtieġa biex jitnaqqas il-mard tal-kanċer tas-sider.

Fid-29 ta' Mejju, 2022 il-Kunsill iċċelebra Jum Ħal Kirkop. Dan il-jum ġie mfakkar b'quddiesa kkonċelebrata fil-Knisja Parrokkjali San Leonardu Abbati u wara b'serata kommemorattiva fis-Sala tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop. Waqt din is-serata l-Kunsill niehda filmat dwar Ħal Kirkop li ser iservi biex jagħti promozzjoni fi proġetti li jsiru kemm f'Malta u kif ukoll barra minn xtutna. Dan il-filmat juri l-ħajja fir-raħal ċkejken ta' Ħal Kirkop li għalkemm żgħir xorta waħda għandu ħafna x'joffri lil dawk kollha li jżuruh.

Apparti hekk saret preżentazzjoni ta' tifkira lill-Membri tal-Kunsill li servew fit-Tmien Leġislatura li huma Terence Agius, Joseph Schembri, John Luke Cassar, Stephen Mizzi, Leonard Grioli u Antoinette Cefai. Ingħatat tifkira wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv Antonia Demicoli li għalqet 20 sena taħdem u tagħti s-servizz tagħha fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

Ma naqasx li f'din is-serata jingħata l-għola premju li jagħti l-Kunsill, jiġifieri Ġieħ Ħal Kirkop. Għas-sena 2022 dan l-unur ingħata lill-Artist Clint Grech, għax-xogħol volontarju li jagħmel b'risq l-arti u l-kultura u b'risq Ħal Kirkop.

Matul ix-xahar ta' Settembru, il-Kunsill ħa sehem fil-World Clean Up Campaign. F'din l-attività, bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Punent u l-Grupp Żgħażagħ Kirkop, sar tindif fi Triq il-Madonna tad-Dawl, fl-*area* magħrufa bħala Tar-Robba. Din hija waħda mill-ftit spazji miftuħa fir-rural li tinsab f'Ħal Kirkop, u li sfortunatament qed tiġi abbużata b'rimi ta' bosta materjali fosthom karti, plastik, ħadid u elf ħaġa oħra. Infatti minn fuq il-post inġabar minn kollox, sa anke pompa tal-ilma, partijiet minn karozza u *pushchair*. Dan apparti l-ixkejjer bil-flixken tal-plastik, paketti, karti, loqom tas-sigaretti u elf ħaġa oħra li mlew vann sħiħ.

Għad-disa' sena, nhar il-Ħadd, 9 ta' Ottubru, 2022 il-Kunsill organizza l-Irkottafest 2022, edizzjoni speċjali bit-tema 'Irkottafest – Once Upon A Time'. Attività kulturali li ġġedded il-memorji tal-passat ta' raħal żgħir fin-nofsinar ta' Malta, Ħal Kirkop. Ħal Kirkop huwa raħal magħruf sew għal produzzjoni tal-irkotta u għaldaqstant jaħdem bis-sħiħ biex din l-attività iżżomm ħaj il-mod tradizzjonali li bih issir l-irkotta u li kienet is-sors tal-għajxien ta' missirijietna.










Ir-ritorn tal-Irkottafest wara nuqqas ta' tlett snin, kien mistenni ħafna. Kienu bosta dawk li attendew għal din l-attivita' li kienet mifruxa fuq ġurnata sħiħa, b'attivitajiet differenti għall-gosti ta' kulħadd. Infatti din l-attività kienet suċċess kbir u żiedet ħafna fil-popolarita fuq is-snin l-imgħoddija.

Din is-sena, apparti dimostrazzjoni ta' kif issir l-irkotta, il-Kunsill ħaseb ukoll biex isiru diversi dimostrazzjonijiet oħra ta' ikel magħmul bl-irkotta. Fost dawn kellna dimostrazzjoni ta' kif isir ir-ravjul bil-mod tradizzjonali, kif ukoll dimostrazzjoni ta' kif jiġu magħmula l-ġbejniet. Fatt ieħor li niżel tajjeb ħafna ma' din l-attivita' kien li diversi persuni wrew ix-xogħol ta' ariġjanat tradizzjonali Malti bħall-bizzilla, xogħol tal-idejn, priżervar ta' ikel b'mod tipiku malti u bosta wirjiet oħra.

Matul din l-attività ġew imtellgħin ukoll diversi *sketches* mill-Kirkop Pageant Group flimkien mal-Għaqda Kulturali Kirkop. Dawn l-*isketches*, li kienu jinkludu partijiet mill-istorja u l-kultura ta' dan ir-raħal żgħir, qajmu l-interess ta' bosta persuni matul din il-ġurnata. Apparti hekk, żgħażagħ minn dawn iż-żewġ għaqdiet allegraw in-nies preżenti bi żfin, kif ukoll billi ħolqu diversi logħob tradizzjonali madwar il-lokali bħal Passju, Dawra Durella etċ.

L-Għaqda Mużikali San Leonardu u s-Soċjetà Mużikali San Ġużepp ħadu ħsieb jarmaw *stands* f'Misraħ Ħal Kirkop u Misraħ San Leonardu rispettivament. Bosta ikel tradizzjonali malti ġie mħejji minn dawn l-għaqdiet li ħafna minnu kien jinkludi l-irkotta bħala l-ingredjent prinċipali. Bla dubju dawn l-i*stands* niżlu ħafna tajjeb ma kull min żarhom u dan seta' jiġi nnutat matul il-ġurnata kollha, bl-attendenza kbira tan-nies fejn żgur li daqu xi ħaġa tajba li niżlitilhom għasel.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li f'din l-attività iżomm ħaj l-aspett kulturali. L-għannejja żewqu din l-attivita' bl-għana spirtu pront, naturalment fuq is-suġġett ewlieni li hija l-irkotta. Il-grupp Ta' Verna Folk Band ferraħ lil dawk preżenti bid-daqq ta' strumenti li ma tantx għadek tismagħhom wisq, strumenti tradizzjonali Maltin. Dawk l-individwi li għandom għal qalbhom ix-xogħol tal-idejn kellhom xalata ta' pjaċir josservaw ix-xogħol tal-bizzilla fuq it-trajbu u ħafna xogħol ieħor.

Il-Kunsill iħossu onorat li din l-attività kienet suċċess kbir u dan jixhduh il-kummenti pożittivi fuq diversi stazzjonijiet televiżivi u fuq il-midja soċjali, kif ukoll il-kumplimenti mogħtija minn kull persuna li attendiet jew rat filmati tal-Irkottafest 2022.

Il-Kunsill għen lill-Parroċċa biex tiġi ċċelebrata il-festa ta' San Martin. Dan billi flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali pprepara il-borża ta' San Martin għat-tfal kollha li attendew għall-quddiesa tat-tfal il-Ħadd, 13 ta' Novembru. It-tfal ikkonkorew bi ħġarhom għal din il-quddiesa li kienet animata b'mod mill-isbaħ. Il-Kunsill ikompli jaħdem biex jara li dawn it-tradizzjonijiet jinżammu ħajjin.

F'Novembru, il-Kunsill ta' Ħal Kirkop reġa' kien parti mill-President's Solidarity Fun Run. Dan billi ta l-għajnuna biex ir-residenti setgħu faċilment japplikaw biex jieħdu sehem f'din il-ġirja/mixja fl-uffiċċju tal-Kunsill. Mill-Kunsill setgħu jiġbru l-*bib* u t-*t-shirt* u jħallu d-donazzjoni tagħhom b'risq il-*Malta Community Chest Fund*.

Il-Kunsill ħadem qagħtih u pprepara bil-kbir għall-attività tal-Milied 'GIGANTIC – Kirkop's Local Christmas Market'. Sfortunatament din l-attività kellha tiġi sospiża wara l-inċident traġiku li seħħ fil-kamra tan-nar tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, nhar is-26 ta' Novembru, li fiha tilef ħajtu Leonard Camilleri. Il-Kunsill iltaqa' b'urġenza fl-istess jum u qabel unanimament li l-attività tal-Milied 'GIGANTIC – Kirkop's Local Christmas Market' tiġi kkanċelata. Dan għall-fatt li Ħal Kirkop ma setgħax jifraħ bl-ispirtu tal-Milied meta kien għadu kif tilef wieħed minn ulied fi traġedja ta' din ix-xorta.

Minħabba din id-diżgrazzja, l-attività mħejjija għat-tfal ukoll kellha tbiddel ftit l-andament tagħha. Il-Kunsill ħass li fi żmien meta Ħal Kirkop kien għaddej minn luttu, ma setgħatx jagħmel attivitajiet barra fit-toroq. Għaldaqstant, minflok il-parata tal-Milied li kienet ser iddur fit-toroq ta' Ħal Kirkop bis-sehem ta' Bagpipe Band b'ilbies tipiku Skoċċiż, l-attività saret fis-sala tal-Kunsill. It-tfal xorta waħda setgħu jiltaqgħu flimkien u jgawdu ftit ħin ta' divertiment fl-okkażjoni tal-Milied.

Il-Kunsill ħaseb biex jilqa' t-tfal b'Santa Klaws, fejn tella' studio żgħir u fih kull minn xtaq seta' jieħu ritratt ma' Santa Klaws, liema ritratt ingħata bħala tifkira lil kull min attenda. Apparti Santa Klaws, il-Kunsill ospita l-karattri ferm popolari ta' Disney – Donald Duck u Duffy Duck flimkien mas-Snowman Olaf. Tul is-serata sar ukoll *Show* Maġiku għat-tfal u għal dawk kollha li ingħaqdu magħhom. Waqt ix-show maġiku tal-Milied indaqqew innijiet tradizzjonali Maltin, liema innijiet ikkumplimentaw mal-atmosfera u fakkru l-imgħoddi filwaqt li fl-aħħar tal-attività tqassam ħelu lit-tfal kollha li attendew.

F'Diċembru 2022 il-Kunsill reġa' organizza l-festin tal-Milied, u bħal kull sena kien suċċess kbir. Dawk li attendew ħadu gost ħafna u ħarġu sodisfatti għax setgħu jiltaqgħu flimkien u jgħaddu ftit ħin ta' soċjalizzazzjoni, l-għan aħħari ta' dawn it-tip ta' attivitajiet.

Il-Kunsill ħa sehem ukoll fl-attività Rigal b'imħabba, organizzata mill-mara tal-Prim Ministru, fejn permezz ta' din l-okkażjoni, ir-residenti Koppin kienu mistiedna jpoġġu r-rigali tagħhom taħt is-siġra tal-Milied fl-entratura tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop. Fl-20 ta' Diċembru dawn ir-rigali inġabru u tpoġġew taħt is-siġra tal-Milied li kienet imtella' fi Pjazza Kastilja. Hekk Ħal Kirkop ferraħ ukoll tfal li l-familji jew kustodji tagħhom m'humiex f'qagħda li jixtrulhom rigali fil-Milied.

F'Diċembru 2022, għas-seba' sena konsekuttiva, il-President ta' Malta għoġbu jagħżel il-lokalita' ta' Ħal Kirkop biex mill-Kumpless Sportiv tiġi trasmessa L-Istrina, appuntament nazzjonali, l-għada tal-Milied, fejn jinġabru fondi b'risq il-*Malta Community Chest Fund*.



# 5. Proġetti ma' Pajjiżi Ewropej

Fi Frar 2022, Ħal Kirkop laqgħa delegazzjonijiet mill-Portugal, Greċja, Latvia, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkia, il-Lithuania, Spanja, Franza u l-Estonja għat-tieni laqgħa tal-proġett Ewropew bit-tema *'Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future'*. Il-parteċipanti kellhom laqgħat fil-bini amministrattiv tal-Kunsill u żaru wkoll il-wirt kulturali li din il-lokalità toffri. Żaru wkoll iż-żewġ każini tal-baned fejn missew il-wirt intanġibli li Malta hija mogħnija bih, il-festi fl-irħula. Dawn il-proġetti jgħinu biex Ħal Kirkop jingħata promozzjoni 'l barra minn xtutna u jgħin ukoll lill-għaqdiet tal-lokalità.

It-tielet laqgħa tal-proġett Ewropew bit-tema *'Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future'* saret f'Settembru, 2022 f'Budapest fl-Ungerija. Delegazzjoni mill-Kunsill irrappreżentat lill-Malta f'din il-laqgħa fejn id-diskussjoni prinċipali kienet dwar *'Good intercultural practices aimed at young citizens'*.

Ir-raba' laqgħa ta' dan il-proġett Ewropew, ħadet lid-delegazzjoni Maltija f'Bordeaux fi Franza. Hawnhekk id-diskussjoni prinċipali kienet dwar *'European good practices in the field of protection and enhancement of cultural heritage'*, filwaqt li l-grupp kollu żar diversi siti storiċi u kulturali f'Bordeaux.

Dan il-proġett Ewropew għalaq bil-ħames u l-aħħar laqgħa tiegħu f'Santiago de Compostela fi Spanja. Id-delegazzjoni Maltija mill-Kunsill tagħna ipparteċipat fid-diskussjonijiet bit-tema *'Virtual travel in time – Access to European heritage and cultural heritage'*. Delegazzjonijiet mill-Portugal, Greċja, Latvia, l-Italja, l-Ungerija, is-Slovakkia, il-Lithuania, Spanja, Franza u l-Estonja flimkien ma' dik Maltija żaru postijiet ta' interess f'din il-lokalità mimlija rikezzi kulturali, reliġjużi u storiċi.

F'April 2022 il-Kunsill Lokali Ħal Kirkop irrapreżenta lil Malta fi proġett Erasmus+ bit-tema ewlenija tkun *'Generation Europe – The Value of the Youth Participation'*. Dan il-proġett li għaqqad rappreżentanti mill-Italja, Slovakkja, Malta, Latvia, Ingilterra, Ġermanja, Bulgarija, Portugal, Ungerija u Estonja sar f'Gallodoro fi Sqallija.

F'Mejju 2022 delegazzjoni mill-Kunsill telgħu Rousset biex jiddiskutu pjanijiet għall-ġemellaġġ bejn iż-żewġ irħula u kif ukoll ma' Larciano, pajjiż fl-Italja li huwa ġemellat ukoll mal-Comune de Rousset. Waħda mid-diskussjonijiet kienet kif il-lokalitajiet jistgħu jiltaqgħu u jorganizzaw attivitajiet sportivi bejniethom. Ġiet diskussa l-possibilità u bdew it-taħdidiet biex jiġi organizzat *tournament* tal-football bejn dawn il-lokalitajiet.










# 5. Finanzi

L-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2022 kienet ta' €261,782. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2022 kien hemm ukoll dħul ieħor li jammonta għal €89,416. In-nefqa għas-sena 2022 kienet tammonta għal €417,456. Dawn il-figuri qed jingħataw sa l-aħħar ta' Diċembru 2022 skont l-Istqarrijiet Finanzjarji Awditjati għas-sena 2022. Sal-aħħar ta' Diċembru 2022 il-Kunsill għalaq b'*Financial Situation Indicator* ta' 1.3%. Biex wieħed ikollu stampa eżatta tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-Kunsill wieħed ikun jista' jara l-*Audited Financial Statements* li jkunu *on-line* fuq is-sit www.localgovernment.gov.mt

Għas-sena 2023 l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali hija ta' €267,170, jiġifieri żieda ta' 2.06% fuq is-sena 2022.

Ħal Kirkop Local Council

Annual Report
Financial Statements for the year ended 31 December 2022

**Statement of Comprehensive Income**

| | Notes | 2022 € | 2021 € |
|---|---|---|---|
| **Income** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | **301,491** | 305,189 |
| Income raised under Local Enforcement System | 4 | **1,537** | 1,570 |
| General Income | 5 | **48,170** | 70,057 |
| | | **351,198** | 376,816 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal emoluments | 6 | **130,249** | 113,355 |
| Operations and Maintenance | 7 | **138,707** | 146,506 |
| Administrative and other Expenditure | 8 | **148,500** | 101,048 |
| | | **417,456** | 360,909 |
| **(Deficit)/Surplus for the year** | | **(66,258)** | 15,907 |
| **Total comprehensive (expense)/ income for the year** | | **(66,258)** | 15,907 |

# 6. Pjanijiet għall-Futur

Matul l-2023 il-Kunsill ser ikun qed jaħdem biex dak kollu mibdi fl-2022 jitkompla u jintemm.

Il-Kunsill għamel diversi miljoramenti fl-uffiċini amministrattivi tiegħu u ser ikompli b'xogħol fil-bitħa tal-Kunsill fejn ser tinħadem kamra fejn tinżamm l-għodda. Il-Kunsill applika mal-Awtorità tal-Ippjanar biex iġib il-permess ta' żvilupp u dan il-permess ħareġ matul is-sena 2022. Issa l-Kunsill qed iħejji pjan biex tkun tista' tinħadem din il-kamra bl-inqas spejjeż possibbli.

Il-Kunsill għadu għaddej ukoll b'diskussjonijiet dwar ir-ristrutturat u tisbiħ ta' Ġnien Rousset. Il-Kunsill qed jiddiskuti mal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar biex bl-għajnuna tal-Ministeru dan il-proġett ikun jista' jitwettaq. Dan għall-fatt li s-somma biex issir din ir-rikostruzzjoni hija kbira u żgur li mill-baġit tal-Kunsill dan m'huwiex possibbli.

Il-Kunsill infurmat li l-permess għar-Restawr tas-Salib tad-Dejma issa ħareġ u għaldaqstant dan ir-restawr ser jitwettaq matul is-sena 2023. Il-Kunsill jistinka biex iżomm il-wirt storiku tal-lokalità fl-aħjar stat possibbli biex dan ikun jista' jitgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-Kunsill se jkompli għaddej bid-diskussjonijiet ma' entitajiet diversi dwar il-proġett ta' tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani. Għalkemm il-Kunsill ilu jiġi mwiegħed li jsir dan il-proġett minn diversi entitajiet u Ministeri u sa issa għadna ma wasalniex, il-Kunsill determinat li jibqa' jistinka u jsib kull riżorsa biex dan il-proġett jitwettaq. Matul is-sena 2023 inħareġ ukoll il-permess ta żvilupp minn naħa tal-Awtorità ta' l-Ippjanar u għaldaqstant dan ikompli jistimula lill-Kunsill biex ikompli jaħdem biex dan il-proġett isir realtà.

Il-Kunsill qed jaħdem ukoll fuq pjanijiet biex jiġi rranġat u msebbaħ il-Ġnien f'Misraħ iż-Żerniq, biex dan l-ispazju pubbliku ikun jista' jitgawda aħjar mir-residenti ta' Ħal Kirkop.

Il-Kunsill qed jiddiskuti wkoll ma' Infrastracture Malta dwar toroq li ser isiru mill-ġdid fil-lokalità ta' Ħal Kirkop. Dawn jinkludu Triq San Pietru, parti minn Triq l-Industrija u parti minn Triq San Nikola, Triq Nerik Xerri u Triq il-Kbira.

Il-Kunsill qed jiddiskuti wkoll il-possibilità li jbiddel il-lanterni fil-qalba tar-raħal ma' oħrajn li huma stil ta' fanali antiki u li huma aktar effiċjenti fl-enerġija. Dan il-proġett inbeda minn Triq San Rokku u huwa l-ħsieb tal-Kunsill li dan jitkompla ftit ftit.

## 7. Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku, Viċi Sindku, lill-Kunsilliera, lill-impjegati tal-uffiċċju u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill tal-kollaborazzjoni tagħhom.

Ix-xogħol imwettaq mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop kien maħsub u ippjanat bil-kollaborazzjoni u l-ħidma ta' kulħadd.

Il-Kunsill ser ikompli jaħdem u jagħmel dak kollu possibbli biex jara li l-lokalità ta' Ħal Kirkop tibqa' waħda mill-aqwa lokalitajiet fin-Nofsinhar ta' Malta.

*(iffirmat)*
Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

*April, 2023*